MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 267/2012

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)
vs
**Teresa D'Amato**
bint George, imwieleda Pieta' fil-5 ta' Mejju, 1960,
detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 335360(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Teresa D'Amato, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-2 ta' Novembru 2010 ghal habta ta' 11.00 a.m. fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun bhala bejjiegh fit-toroq:

(1 ) ipparkjat il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni FAS-759 ta' ghamla Isuzu biex tbiegh f'anqas minn 50 metru 'l boghod minn entratura ta' post kummercjali iehor; u

(2) qeghdet oggetti fuq il-bankina fit-triq imsemmija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Mejju, 2012 fejn il-Qorti sabet lill-akkuzata hatja tal-akkuzi in ezami u dan skont l-artikoli 53 u 54 tal-L.S. 441.07 u l-artikoli 18 u 20 tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta u ikkundannat lill-akkuzata ghal hlas ta’ €116.4 7 multa.

Rat ir-rikors tal-appellanta Teresa D’Amato minnha pprezentat fit-30 ta’ Mejju, 2012 fejn talbet li din il-Qorti jogħoġobha tirrevoka u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali in kwantu din sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi dedotti kontriha, u konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

1) Illi fl-ewwel lok l-appellanta tirrileva li l-interpretazzjoni u konkluzjoni tal-Ewwel Qorti ghall-ewwel akkuza hija bir-rispett kollu wahda zbaljata, u dan ghaliex ma hemm l-ebda prova sodisfacenti li l-appellanti fil-fatt ma kinitx f'distanza ta' mixi ta' inqas minn 50 metru mill-entratura ta' post kummercjali. Fuq dan il-punt l-appellanta tixtieq tirreferi din l-Onorabbli Qorti ghall-interpretazzjoni korretta tal-sub-inciz (c)(ii) tas-subartikolu 2 tal-Artikolu 30 tal-Avviz Legali 1 tal-2006, u dan billi qed tigi citata s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni superjuri taghha fl-ismijiet ‘Joanne Cini vs Supretendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita' dwar il-Licenzjar u l-istess Awtorita' dwar il-Medicini1, F'din is-sentenza l-Qorti tal-Magistrati tat interpretazzjoni ghall-kliem "distanza ta' mixi" fejn ikkonsidrat illi ghalkemm il-Highway Code mhijiex ligi, il-Qrati taghna ghandhom japplikaw tali kodici meta jigu biex jiddeciedu dwar l-obbligi ta' pedestrians fl-uzu tat-toroq. Il-Qorti tal-Magistrati sahansitra kkwotat diversi paragrafi mill-Highway Code u kkonkludiet illi l-legislazzjoni sussidjarja ghandha tigi interpretata b'mod konformi ma' dak li jipprovdi dan il-kodici. L-insenjament li jemergi minn dik is-sentenza japplika perfettament ghall-kaz odjern.

[1] Sentenza tal-14 ta' Apri12011

Ghaldaqstant meta dak li jkun jigi biex ikejjel dawn il-hamsin metru wiehed ma jistax jaqta' linja dritta jew sahansitra dijagonali minn fejn kienet l-appellanti sal-ewwel entratura ta' fond kummercjali. Ghall-kuntrarju ta' dan, wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni z-zebra crossings i jimmarkaw minn fejn ghandu jaqsam il-pedestrian. Il- Highway Code fil-fatt jghid illi l-pedestrians huma responsabbli biex juzaw tajjeb it-triq u ghaldaqstant it-tkejjil isir skont il-pedestrian diligenti, dixxiplinat u li josserva dak li jipprovdi l-Highway Code, u mhux fuq il-pedestrian traskurat li ma josservax il-ligi, kif jidher li mxiet il-Pulizija fil-kaz odjern! Kif inghad fis-sentenza citata, il-legislatur certament ma kellux l-intenzjoni li dan il-kejl isir a bazi ta' "mixi fit-triq fejn ifettillek". Bla dubju dan ir-ragunament ghandu japplika ghall-kaz in kwistjoni u ghalhekk, jekk wiehed jikkonsidra dak li jipprovdi l-Highway Code, jirrizulta ‘l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-appellanta fil-verita' ma kinitx f'distanza ta' inqas minn 50 metru mill-entratura ta' post kummercjali. Ukoll, jinghad li lanqas saret prova sodisfacenti mill-Prosekuzzjoni dwar kif hi waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm aktar minn 50 metru mill-eqreb stabbiliment kummercjali, u b'liema mizura tkejjlet id-distanza, u lanqas dwar liema stabbiliment kummercjali l-Prosekuzzjoni tkellmet dwaru, u jekk dan kienx verament stabbiliment kummercjali.

2) Minghajr pregudizzju ghall-aggravji surriferiti, jigi rilevat ukoll illi ghalkemm l-Ewwel Qorti qalet li l-vettura tal-appellanta baqghet fl-istess post fl-assenza ta' xerrejja, bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti dan il-punt mhuwiex ta' rilevanza. Jigi spjegat illi l-Ewwel Qorti nnotat illi l-appellanti ghandha permess ta' 'hawker' permezz ta' vettura. Ghalkemm il-ligi permezz tal-Artikolu 29 tal-AL. 1 tal-2006 tiddefinixxi bejjiegh fit-toroq bhala wiehed li jbiegh bl-imnut billi jipparkja l-vettura tieghu sakemm iservi l-konsumaturi tieghu, u wara li jservihom imur ghall-post iehor, johrog b'mod carissimu illi dan mhuwiex obbligu assolut. Tant hu hekk illi s-subartikolu (2) tal-Artikolu 30 jipprovdi s-segwenti:

“2) Bejjiegh fit-toroq jista' jiggestixxi wkoll l-attivita' kummerciali tieghu minn post fiss billi jipparkja l-uettura tieghu, sabiex ibiegh lill-konsumaturi tieghu bla hsara ghall-kondizzjonijiet li gejjin: (enfazi mizjud)

... omissis
(c) li l-post fejn jipparkja l-vettura tieghu ma jkunx:
(i) matul distanza ta' mixi ta' inqas minn 50 metru mill-eqreb suq fil-berah;
(ii) matul distanza ta' miexi ta' inqas minn 50 metru mill-entratura ta' kull post kummercjali".

Huwa evidenti ghaldaqstant illi l-ligi ma tillimitax il-bejjiegh li jrid bilfors iservi lill- klijent u jitlaq, anzi tipprovdi l-opportunita' lill-bejjiegh tat-toroq illi joqghod f'post fiss f'post fejn jista' jsir l-ipparkeggjar tal-vetturi, u dan sakemm jobdi l-kondizzjonijiet imnizzlin fil-ligi. Dan johrog b'mod car bis-sahha tal-kelma "wkoll". Jirrizulta evidenti illi din il-possibilita' tapplika ghall-appellanta wkoll u dan peress li l-ligi titkellem dwar bejjiegh tat-toroq li jbiegh l-oggetti tieghu permezz ta' vettura minn post fiss.

3) Fl-eventwalita' illi din l-Onorabbli Qorti ssostni illi l-aggravju surriferit ma rreggix, l- appellanti tirrileva illi matul is-smiegh tal-provi rrizulta mix-xhieda tal-appellanti illi f'dak il-mument partikolari meta gew il-pulizija hija kienet in effetti qed taqdi l-klijenti u tbiegh il-hut. Tant hu hekk illi kellha tieqaf milli taqdi n-nies biex tirrispondi d-domandi tal-pulizija. Bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti rna setghetx tikkonkludi illi kien hemm assenza tax-xerrejja sempliciment mill-affidavit tal-pulizija, anke billi dan gie kontradett mill-appellanti li xehdet b'mod mill-aktar konvincenti. Certament il-pulizija ma ppruvatx din l-assenza tal-presenza tax-xerrejja 'l hinn minn kull dubju u ghaldaqstant irrizulta b'mod car illi kien hemm konflitt ta' provi f'dan is-sens. In vista ta' dan, id-dubju li nholoq fis-smiegh tal-kawza kellu definittivament imur favur l-appellanti.

4) Ghar-rigward it-tieni akkuza l-appellanti tixtieq tirrileva illi qatt ma tqeghdet l-ebda haga fuq il-bankina. Tant hu hekk illi l-appellanti ghandha karru bir-roti appozitu (ritratti

ezebiti quddiem l-Ewwel Qorti) li fuqu tpoggi l-cash register. Dan il-karru tqieghdu hdejn il-vettura taghha, precizarment wara l-vettura u ghaldaqstant il-karru jkun fit-triq u jigi qisu estenzjoni zghira tal-vettura ghall-finijiet ta' spazju u pratticita'.

Ghaldaqstant certament mhuwiex minnu li l-appellanti kienet qed tingombra l-bankina b'dan l-istess karru. Bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata u dan billi bbazat ruhha biss fuq l-affidavit tal-pulizija bla ma hadet konjizzjoni tax-xhieda tal-appellanti. Jirrizulta b'mod car ukoll illi l-prosekuzzjoni rna ppruvatx din l-akkuza sal-grad rikjest mill-ligi, u fid-dawl ta' konflitt ta' provi lampanti bejn il-verzjoni kredibbli tal-appellanti u dik dubjuza tal-Prosekuzzjoni, id-dubju li nholoq fis-smiegh tal-kawza ghandu jmur favur l-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi f'dawn it-tip ta' appelli meta x-xhieda mhiex traskritta tohloq problemi lil din il-Qorti. Dan ghall-fatt li hi ma ghandhiex il-beneficcju li tkun taf dak li ntqal fl-ewwel istanza. Anzi, prorpju l-oppost meta f'xi cirkostanzi fl-ewwel Qorti tinghata versjoni li hi kompletament l-oposta ta' dak li tisma din il-Qorti. Dan qed jinghata in linea generali u mhux ghal dan l-appell in partikolari. Ghalhekk, hu car li din il-Qorti trid tistrieh fuq dak li semghet hi u tasal ghall-konkluzjonijit taghha.

Illi dwar it-tieni akkuza u cioe' jekk l-appellanti kienet qed tingombra jew le l-bankina x-xhud prodott mill-prosekuzzjoni xehed li ma jiftakarx. U kif tista taghti tort lil dan ix-xhud meta l-ispezzjoni saret fit-2 ta' Novembru, 2010 u hu xehed quddiem din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru, 2013.

Illi dwar l-ewwel akkuza li tirrigwarda jekk l-appellanti kinitx qed tbiegh f'distanza ta' anqas minn hamsin (50) metru mill-entratura ta' stabiliment kummercjali iehor il-prassi dejjem kienet li ma jsir ebda kejl reali ta' dawn il-hamsin (50) metru izda wiehed jistrieh fuq ghajnejh. Din mhiex prattika tajba ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok, id-distanza hu valur oggettiv u hawnhekk ghandna konstatazzjoni soggettiva. Dan jaghti lok li jista' jinqalghu sitwazzjonijiet fejn diversi persuni jkollhom koncezzjoni tal-kejl differenti. Fit-tieni lok, akkuzi ta' dan it-tip taghti lok li ghandha ssir il-prova ulterjuri li verament hemm stabbiliment kummercjali u li hu licenzjat skont il-ligi. Dan ifisser li biex akkuza ta' dan it-tip twassal ghall-kundanna skont il-ligi, il-provi prodotti ghandhom ikunu oggettivi. Dan ifisser li l-pulizija ghandha tkejjel effettivament dawn il-hamsin (50) metru meta l-istabbiliment kummercjali iehor jinsab fuq l-istess bankina. Meta l-istabiliment ikun fuq in-naha l-ohra tat-triq ghandu jigi uzat il-metru tal-'pedestrian' li juza tajjeb it-triq u cioe' li jekk ikun hemm 'pedestrian crossing' dan il-fatt ghandu jigi 'factored in' fil-metodologija tal-kejl. F'dan il-kaz ma sar ebda test oggettiv u ghalhekk is-sejbien ta' htija mhiex xi haga f'waqta.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tilqa l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lil Teresa D'Amato minn kull imputazzjoni u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------